ISSN 1831-0567

# Rapport Annwali 2009

## Sommarju Eżekuttiv



Kontrollur Ewropew
għall-Protezzjoni tad-Data

# Rapport Annwali 2009

## Sommarju Eżekuttiv



**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(*) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet. Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (http://europa.eu).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2010

ISBN 978-92-95073-69-2
doi:10.2804/18212

© L-Unjoni Ewropea, 2010
Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali

# INTRODUZZJONI

Dan huwa s-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Annwali 2009 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Dejta (KEPD). Dan ir-rapport ikopri l-2009 bħala l-ħames sena sħiħa ta' attività fl-eżistenza tal-KEPD bħala awtorità indipendenti ġdida ta' kontroll, bil-kompitu li jiżgura li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari l-privatezza tagħhom, fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali jiġu rrispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Ikopri wkoll l-ewwel sena tal-mandat komuni ta' ħames snin ta' Peter Hustinx, Kontrollur, u Giovanni Buttarelli, Assistent Kontrollur.

L-attivitajiet ewlenin tal-KEPD, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001[1] ("ir-Regolament"), huma li:

- jagħmel monitoraġġ u jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament jiġu mħarsa meta l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jipproċessaw dejta personali (**superviżjoni**);
- jagħti parir lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-UE fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar tad-dejta personali. Dawn jinkludu konsultazzjoni dwar proposti għal-leġiżlazzjoni u l-monitoraġġ ta' żviluppi ġodda li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta personali (**konsultazzjoni**);
- jikkoopera ma' awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll u ma' korpi ta' kontroll f'dak li kien it-"tielet pilastru" tal-UE bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza fil-protezzjoni tad-dejta personali (**kooperazzjoni**).

L-2009 kienet ta' importanza kbira għad-dritt fundamentali għall-protezzjoni tad-dejta. Dan minħabba xi żviluppi ewlenin: id-dħul fis-seħħ tat-**Trattat ta' Lisbona**, li jiżgura bażi legali b'saħħitha għal protezzjoni tad-dejta komprensiva fl-oqsma kollha tal-politika tal-UE; il-bidu ta' konsultazzjoni pubblika dwar il-futur tal-**qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta**; u l-adozzjoni ta' programm politiku ġdid ta' ħames snin għall-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja ("**Il-Programm ta' Stokkolma**") b'enfasi konsiderevoli fuq il-protezzjoni tad-dejta bħala element kruċjali għal-leġittimità u l-effikaċja f'dan il-qasam.

Il-KEPD kien involut bis-sħiħ f'dawn l-oqsma u huwa ddeterminat li jkompli f'din it-triq fil-futur qarib. Fl-istess ħin, huwa aċċerta li r-rwol ta' awtorità indipendenti ta' kontroll ikun eżerċitat fl-oqsma regolari kollha ta' attività. Dan wassal għal progress sinifikanti, kemm fil-kontroll tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE meta jkunu qegħdin jipproċessaw dejta personali, u fil-konsultazzjoni dwar politika u miżuri leġiżlattivi ġodda, kif ukoll fil-kooperazzjoni mill-qrib ma' awtoritajiet oħrajn ta' kontroll biex tkun żgurata konsistenza ikbar fil-protezzjoni tad-dejta.

[1] Regolament (KE) Nru 45/2001 tat18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunità u dwar il-moviment liberu ta' dik id-dejta, ĠU L 8, 12.1.2001, p.1.

# RIŻULTATI FL-2009

Ir-Rapport Annwali 2008 jsemmi li l-objettivi ewlenin li ġejjin intgħażlu għall-2009. Ħafna minn dawn l-objettivi twettqu b'mod sħiħ jew parzjali.

- Appoġġ għan-netwerk tal-UPD

Il-KEPD kompla jagħti appoġġ qawwi lill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta (UPD), b'mod partikolari f'aġenziji mwaqqfa reċentement, u ħeġġeġ l-iskambju tal-ħila esperta u tal-aqwa prattiki bejniethom, sabiex isaħħaħ l-effikaċja tagħhom.

- Rwol ta' ċċekkjar minn qabel

Il-KEPD kważi lesta l-kontroll minn qabel ta' operazzjonijiet eżistenti tal-ipproċessar għall-biċċa l-kbira tal-istituzzjonijiet u korpi li ilhom jeżistu, u poġġa iktar enfasi fuq is-segwitu tar-rakkomandazzjonijiet. L-iċċekkjar minn qabel ta' operazzjonijiet komuni tal-ipproċessar f'aġenziji ngħata attenzjoni speċjali.

- Gwida orizzontali

Il-KEPD ppubblika linji gwida dwar ir-reklutaġġ ta' persunal u dejta dwar is-saħħa fuq il-post tax-xogħol, u abbozz ta' linji gwida dwar sorveljanza bil-vidjow li kienu s-suġġett ta' konsultazzjoni. Dawn il-linji gwida huma mfassla biex jgħinu ħalli jassiguraw il-konformità fl-istituzzjonijiet u l-korpi u biex jintegraw proċeduri ta' ċċekkjar minn qabel.

- Ġestjoni tal-ilmenti

Il-KEPD adotta manwal għall-persunal dwar il-ġestjoni tal-ilmenti u ppubblika l-linji ewlenin tiegħu fuq is-sit elettroniku sabiex jinforma lill-partijiet kollha involuti dwar il-proċeduri rilevanti, inkluż il-kriterji dwar jekk għandhiex tinfetaħ investigazzjoni dwar l-ilmenti ppreżentati lilu. Formola tal-ilmenti issa hija disponibbli wkoll fuq is-sit elettroniku.

- Il-politika ta' spezzjoni

Il-KEPD kompla jkejjel il-konformità mar-Regolament (KE) Nru 45/2001, b'tipi differenti ta' kontrolli, għall-istituzzjonijiet u l-korpi kollha, u għamel għadd ta' spezzjonijiet fuq il-post. L-ewwel sett ta' proċeduri ta' spezzjoni kien ippubblikat biex jiżgura proċess li jkun aktar prevedibbli.

- Ambitu tal-konsultazzjoni

Il-KEPD ħareġ numru rekord ta' 16-il opinjoni u 4 settijiet ta' kummenti formali dwar proposti għal leġiżlazzjoni ġdida, fuq il-bażi ta' inventarju sistematiku ta' suġġetti u prijoritajiet rilevanti, u assigura segwitu adegwat. L-opinjonijiet u l-kummenti kollha kif ukoll l-inventarju huma disponibbli fuq is-sit elettoniku.

- Il-Programm ta' Stokkolma

Il-KEPD ta attenzjoni speċjali għat-tħejjija tal-programm ta' politika l-ġdid ta' ħames snin għall-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, adottat mill-Kunsill fi tmiem l-2009. Il-ħtieġa għall-protezzjoni effettiva tad-dejta kienet irrikonoxxuta bħala kundizzjoni ewlenija.

- Attivitajiet ta' informazzjoni

Il-KEPD tejjeb il-kwalità u l-effikaċja tal-għodod tal-informazzjoni onlajn (is-sit elettroniku u l-fuljett tal-aħbarijiet elettroniku) u aġġorna attivitajiet oħrajn ta' informazzjoni (fuljett informattiv ġdid u avvenimenti ta' sensibilizzazzjoni), fejn meħtieġ.

- Regoli ta' proċedura

Dalwaqt se jiġu adottati regoli ta' proċedura għall-attivitajiet differenti tal-KEPD. Fil-biċċa l-kbira tagħhom, huma se jikkonfermaw jew jikkjarifikaw prattiki preżenti u se jkunu disponibbli fuq is-sit elettroniku.

- Ġestjoni tar-riżorsi

Il-KEPD kkonsolida u kompla jiżviluppa attivitajiet relatati mar-riżorsi finanzjarji u umani u ta attenzjoni speċjali lir-reklutaġġ tal-persunal permezz ta' kompetizzjoni tal-EPSO dwar il-protezzjoni tad-dejta. L-ewwel kandidati li għaddew b'suċċess huma mistennija li jissieħbu matul l-2010.

### Xi figuri ewlenin tal-KEPD fl-2009

➔ **Adottati 110 opinjonijiet ta' kontroll minn qabel** dwar dejta dwar is-saħħa, l-evalwazzjoni tal-persunal, ir-reklutaġġ, il-ġestjoni tal-ħin, l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà, ir-reġistrazzjoni tat-telefonati, l-għodod tal-prestazzjoni

➔ **Waslu 111-il ilment, 42 ammissibbli .** Tipi ewlenin ta' ksur allegat: ksur tal-kunfidenzjalità tad-dejta, ġbir eċċessiv tad-dejta jew użu illegali tad-dejta mill-kontrollur.

- **12-il każ solvut** fejn il-KEPD ma sab l-ebda ksur tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta
- **8 każijiet iddikjarati ta' nuqqas ta' konformità** mar-regoli għall-protezzjoni tad-dejta

➔ **32 konsultazzjoni dwar miżuri amministrattivi.** Ingħata parir dwar firxa wiesgħa ta' aspetti legali marbuta mal-ipproċessar tad-dejta personali mmexxija minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE.

➔ **4 spezzjonijiet fuq il-post li saru** f'diversi istituzzjonijiet u korpi tal-UE

➔ **3 linji gwida ppubblikati** dwar ir-reklutaġġ, id-dejta dwar is-saħħa u s-sorveljanza bil-vidjow

➔ **Inħarġu 16-il opinjoni leġiżlattiva** dwar sistemi ta' informazzjoni fuq skala kbira, listi tat-terroristi, qafas futur għall-protezzjoni tad-dejta, is-saħħa pubblika, it-tassazzjoni u t-trasporti

➔ **Inħarġu 4 settijiet ta' kummenti formali** dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti, is-servizz universali u l-Privatezza elettronika, u n-negozjati UE-Stati Uniti dwar ftehim SWIFT ġdid

➔ **Ġew organizzati 3 laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni għall-Kontroll tal-Eurodac,** li rriżultaw fit-tieni rapport tal-ispezzjoni kkoordinata dwar l-informazzjoni għas-suġġetti tad-dejta u l-valutazzjoni tal-età ta' persuni ta' età żgħira li qed ifittxu ażil

# KONTROLL

*Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-KEPD huwa li jikkontrolla b'mod indipendenti l-operazzjonijiet tal-ipproċessar magħmula mill-istituzzjonijiet jew l-korpi Ewropej. Il-qafas legali huwa r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta (KE) Nru 45/2001, li jistabbilixxi għadd ta' obbligi għal dawk li jipproċessaw id-dejta, flimkien ma' numru ta' drittijiet għal dawk li tkun qed tiġi pproċessata d-dejta personali tagħhom.*

*Il-kontroll minn qabel tal-operazzjonijiet tal-ipproċessar kompla jkun aspett importanti tal-kontroll matul l-2009, iżda l-KEPD żviluppa wkoll f'forom oħra ta' kontroll, bħall-ġestjoni tal-ilmenti, spezzjonijiet, pariri dwar miżuri amministrattivi u l-abbozzar ta' linji gwida tematiċi.*

## Kontrolli minn qabel

Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jipprevedi li l-operazzjonijiet kollha tal-ipproċessar ta' dejta personali li x'aktarx jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-dejta, għandhom ikunu soġġetti għal kontroll minn qabel mill-KEPD. Imbagħad, il-KEPD jiddetermina jekk l-ipproċessar huwiex konformi mar-Regolament jew le.

Fl-2009, il-KEPD adotta **110 opinjonijiet dwar il-kontroll minn qabel,** li prinċipalment ikopru kwistjonijiet bħal dejta dwar is-saħħa, l-evalwazzjoni tal-persunal, ir-reklutaġġ, il-ġestjoni tal-ħin, ir-reġistrazzjoni tat-telefonati, għodod tal-prestazzjoni u l-investigazzjonijiet dwar is-sigurtà. Dawn l-opinjonijiet huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-KEPD u l-implimentazzjoni tagħhom hija segwita b'mod sistematiku.

Mid-diversi konsultazzjonijiet mill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta dwar il-ħtieġa tal-kontroll minn qabel mill-KEPD, bosta każijiet ġew iddikjarati soġġetti għall-kontroll minn qabel, bħas-smigħ tal-Kummissarji maħtura fil-Parlament Ewropew, il-valutazzjoni ergonomika tal-ambjenti tax-xogħol fil-Parlament Ewropew u l-ħatriet ta' persunal anzjan fil-Parlament Ewropew.

## Il-monitoraġġ tal-konformità

L-implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta minn istituzzjonijiet u korpi hija **mmonitorjata sistematikament** minn analiżi regolari tal-indikaturi tal-prestazzjoni, li tinvolvi lill-istituzzjonijiet u lill-korpi kollha tal-UE. Wara l-eżerċizzju "rebbiegħa 2009", il-KEPD ppubblika rapport li juri li l-istituzzjonijiet tal-UE għamlu progress tajjeb biex jilħqu r-rekwiżiti tagħhom għall-protezzjoni tad-dejta, iżda kien osservat livell iktar baxx ta' konformità f'ħafna mill-aġenziji.

Minbarra dan l-eżerċizzju ġenerali ta' monitoraġġ, il-KEPD għamel erba' **spezzjonijiet** fuq il-post f'istituzzjonijiet u korpi varji. Dawn l-ispezzjonijiet huma segwiti sistematikament u ser isiru iktar spissi fil-futur qarib. F'Lulju 2009, il-KEPD adotta manwal ta' proċedura għall-ispezzjonijiet u ppubblika l-elementi ewlenin ta' din il-proċedura fuq is-sit elettroniku tiegħu.

## Lmenti

Wieħed mid-dmirijiet ewlenin tal-KEPD, kif stabbilit mir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, huwa li jisma' u li jinvestiga lmenti kif ukoll li jmexxi inkjesti

fuq inzjattiva tiegħu jew tagħha stess jew fuq bażi ta' lment.

Kemm in-**numru kif ukoll il-kumplessità** tal-ilmenti rċevuti mill-KEPD qegħdin **jiżdiedu.** Fl-2009, il-KEPD rċieva 111-il ilment (żieda ta' 32% meta mqabbel mal-2008). Minn dawn, madwar żewġ terzi kienu inammissibbli minħabba li kienu jinvolvu kwistjonijiet fuq livell nazzjonali li dwarhom il-KEPD m'għandux kompetenza. Il-bqija tal-ilmenti kienu jeħtieġu inkjesti iktar fil-fond.

Il-biċċa l-kbira tal-kwistjonijiet fl-ilmenti ammissibbli kienu jinvolvu allegat ksur tal-kunfidenzjalità, ġbir eċċessiv ta' dejta jew użu illegali tad-dejta mill-kontrollur, aċċess għad-dejta, id-dritt għall-korrezzjoni, u t-tħassir tad-dejta. Fi tmien każijiet, il-KEPD kkonkluda li r-regoli tal-protezzjoni tad-dejta nkisru.

Mill-ilmenti ammissibbli sottomessi fl-2009, il-maġġoranza kienu diretti kontra l-Kummissjoni Ewropea, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) u l-Uffiċċju Ewropew għall-Għażla tal-Persunal (EPSO). Dan huwa mistenni peress li l-Kummissjoni twettaq iktar ipproċessar ta' dejta personali minn istituzzjonijiet u korpi oħrajn tal-UE. In-numru kbir ta' lmenti relatati mal-OLAF u mal-EPSO jista' jkun spjegat min-natura tal-attivitajiet li jsiru minn dawk il-korpi.

## Miżuri amministrattivi

Il-KEPD kompla jagħti pariri dwar miżuri amministrattivi previsti minn istituzzjonijiet u korpi Ewropej b'rabta mal-ipproċessar ta' dejta personali. Tqajmu diversi kwistjonijiet, inkluż it-trasferimenti ta' dejta personali lil pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali, l-ipproċessar tad-dejta f'każ ta' proċedura ta' pandemija, il-protezzjoni tad-dejta fis-Servizz tal-Awditjar Intern, u r-regoli ta' implimentazzjoni tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta.

## Linji gwida tematiċi

Il-KEPD adotta linji gwida dwar l-ipproċessar tad-dejta personali għar-**reklutaġġ** u dwar **dejta dwar is-saħħa** fuq il-post tax-xogħol. Fl-2009, il-KEPD għamel ukoll konsultazzjoni pubblika dwar linji gwida dwar is-sorveljanza bil-vidjow, u fost affarijiet oħrajn enfasizza "Il-Privatezza bit-Tfassil" u r-responsabilità bħala l-prinċipji ewlenin f'dan il-kuntest.

# KONSULTAZZJONI

*Il-KEPD jagħti parir lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni Ewropea dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-dejta f'firxa ta' oqsma ta' politika. Dan ir-rwol konsultattiv huwa marbut ma' proposti għal leġiżlazzjoni ġdida kif ukoll inizjattivi oħra li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tad-dejta fl-UE. Ġeneralment dan jieħu l-forma ta' opinjoni formali, iżda l-KEPD jista' wkoll jipprovdi gwida fl-għamla ta' kummenti jew studji politiċi. L-iżviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta huma wkoll immonitorjati bħala parti minn din l-attività.*

## Tendenzi maġġuri

Fl-2009, għadd ta' attivitajiet u avvenimenti sinifikanti għenu biex iqarrbu l-prospett ta' **qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-dejta.** It-twettiq ta' dan il-prospett se jkun tema dominanti fuq l-aġenda tal-KEPD matul is-snin li ġejjin.

Fi tmiem l-2008, kien adottat għall-ewwel darba **qafas legali ġenerali għall-protezzjoni tad-dejta fil-qasam tal-kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura** fuq livell tal-UE. Minkejja li mhuwiex sodisfaċenti sal-aħħar, dan kien pass importanti fid-direzzjoni t-tajba.

Fl-2009, it-tieni żvilupp importanti kien l-adozzjoni ta' **Direttiva dwar il-Privatezza elettronika** riveduta bħala parti minn pakkett ikbar. Dan kien ukoll l-ewwel pass fl-immodernizzar tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-dejta.

Id-dħul fis-seħħ tat-**Trattat ta' Lisbona** jimmarka era ġdida għall-protezzjoni tad-dejta. Dan ma rriżultax biss fil-karta għad-Drittijiet Fundamentali li saret obbligatorja fuq l-istituzzjonijiet u l-korpi, kif ukoll fuq l-Istati Membri meta jaġixxu fl-ambitu tal-liġi tal-UE, iżda wkoll fl-introduzzjoni ta' bażi ġenerali għal qafas legali komprensiv fl-Artikolu 16 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

Fl-2009, il-Kummissjoni nediet ukoll konsultazzjoni pubblika dwar il-futur tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-dejta. Il-KEPD ħadem mill-qrib ma' kollegi sabiex jiżgura input ta' dejta konġunt adegwat għal din il-konsultazzjoni u uża okkażjonijiet varji biex jenfasizza l-ħtieġa għal protezzjoni tad-dejta aktar komprensiva u aktar effettiva fl-Unjoni Ewropea.

## L-opinjonijiet tal-KEPD u kwistjonijiet ewlenin

Il-KEPD kompla jimplimenta l-**politika ta' konsultazzjoni** ġenerali tiegħu u ħareġ għadd rekord ta' opinjonijiet leġiżlattivi fuq suġġetti differenti. Din il-politika tipprovdi wkoll approċċ proattiv, li jinvolvi inventarju regolari ta' proposti leġiżlattivi biex ikunu sottomessi għall-konsultazzjoni, u d-disponibilità għal kummenti informali fl-istadji preparatorji tal-proposti leġiżlattivi. Il-biċċa l-kbira tal-opinjonijiet tal-KEPD ġew segwiti fid-diskussjonijiet mal-Parlament u mal-Kunsill.

Fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja, il-KEPD segwa b'interess partikolari l-iżviluppi li

jikkonċernaw il-**Programm ta' Stokkolma** u l-viżjoni tiegħu dwar il-ħames snin li ġejjin fil-qasam tal-ġustizzja u l-intern. Il-KEPD ta parir dwar l-iżvilupp tal-programm u ħa sehem fil-ħidma preparatorja għall-Mudell Ewropew għall-Informazzjoni.

Ħidma oħra f'dan il-qasam relatata mar-reviżjoni tar-**Regolamenti Eurodac u ta' Dublin**, kienet l-istabbiliment ta' Aġenzija għall-ġestjoni operattiva ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira, u approċċ koerenti għall-kontroll f'dan il-qasam.

Fil-kuntest tal-**Privatezza elettronika u t-Teknoloġija,** minbarra r-reviżjoni ġenerali msemmija hawn fuq, il-KEPD kien involut fi kwistjonijiet marbuta mad-Direttiva taż-Żamma tad-Dejta, l-użu ta' tags RFID jew sistemi intelliġenti tat-trasport, u r-rapport RISEPTIS dwar "Il-Fiduċja fis-Soċjetà tal-Informazzjoni".

Fil-kuntest tal-**globalizzazzjoni**, il-KEPD kien involut fl-iżviluppi tal-istandards globali, id-djalogu transatlantiku dwar il-protezzjoni tad-dejta u d-dejta dwar l-infurzar tal-liġi, kif ukoll fi kwistjonijiet marbuta ma' miżuri restrittivi fir-rigward ta' terroristi suspettati u ċerti pajjiżi terzi.

Oqsma oħra ta' interess sostanzjali għall-KEPD kienu s-**saħħa pubblika** – inkluż il-kura tas-saħħa bejn il-fruntieri, is-saħħa elettronika u l-farmakoviġilanza – **u aċċess pubbliku għad-dokumenti** – bħar-reviżjoni tar-Regolament (KE) 1049/2001 għall-aċċess pubbliku u każijiet varji tal-qorti dwar ir-relazzjoni bejn l-aċċess pubbliku u l-protezzjoni tad-dejta.

## Żviluppi u prijoritajiet ġodda

Ġew identifikati numru ta' perspettivi għal bidliet futuri, li jservu bħala l-aġenda tal-prijoritajiet ewlenin għall-KEPD. Dawn jinkludu **tendenzi teknoloġiċi** ġodda li jqajmu tħassib kritiku dwar il-protezzjoni tad-dejta u l-privatezza, bħal "smart" CCTV, żviluppi li jseħħu taħt il-kunċett ta' "the Internet of things" ("l-Internet ta' affarijiet") u reklamar onlajn dwar l-imġiba.

Żviluppi importanti fil-**politika u l-leġiżlazzjoni** ser jiddeterminaw ukoll il-kuntest għall-attivitajiet ta' konsultazzjoni tal-KEPD fl-2010. Minbarra r-reviżjoni tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-dejta diġà msemmija hawn fuq, il-KEPD se jagħti attenzjoni speċjali lill-aġenda diġitali tal-Kummissjoni fejn il-privatezza u l-protezzjoni tad-dejta huma prekundizzjonijiet neċessarji. Qegħdin iseħħu wkoll żviluppi sinifikanti li se jippermettu lill-UE u lill-Istati Membri tagħha sabiex jindirizzaw b'mod iktar effettiv id-dimensjoni esterna tal-protezzjoni tad-dejta; mhux biss b'rabta mal-Istati Uniti, iżda wkoll fuq skala ikbar permezz ta' iktar żvilupp ta' standards globali.

# KOOPERAZZJONI

*Il-KEPD jikkoopera ma' awtoritajiet oħrajn għall-protezzjoni tad-dejta biex jippromwovi protezzjoni tad-dejta konsistenti madwar l-Ewropa. Dan ir-rwol kooperattiv jestendi wkoll għal kooperazzjoni ma' korpi ta' kontroll stabbiliti taħt dak li kien it-"tielet pilastru" tal-UE u fil-kuntest ta' sistemi fuq skala kbira tal-IT.*

Il-pjattaforma ewlenija għall-kooperazzjoni bejn awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta fl-Ewropa huwa l-**Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29**. Il-KEPD jieħu parti fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma, li għandu rwol importanti fl-applikazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta.

Il-KEPD u l-Grupp ta' Ħidma kkooperaw f'sinerġija tajba fuq firxa ta' suġġetti, iżda speċjalment fuq l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-Dejta u fuq sfidi li tqajmu b'teknoloġiji ġodda. Il-KEPD appoġġja bis-sħiħ ukoll inizjattivi meħuda biex jiffaċilitaw flussi ta' dejta fuq livell internazzjonali.

Għandha ssir referenza speċjali għall-kontribut konġunt dwar il-"Futur tal-Privatezza" bi tweġiba għall-konsultazzjoni tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta, u l-konsultazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-impatt tal-"iskanners tal-ġisem" fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni.

Wieħed mill-kompiti kooperattivi l-iktar importanti tal-KEPD jinvolvi lill-**Eurodac** fejn ir-responsabilitajiet tal-kontroll huma kondiviżi mal-awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta. Il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Kontroll tal-Eurodac – magħmul minn awtoritajiet nazzjonali għall-protezzjoni tad-dejta u l-KEPD – iltaqa' tliet darbiet u kkonċentra fuq l-implimentazzjoni tal-programm ta' ħidma adottat f'Diċembru 2007.

Wieħed mir-riżultati ewlenin kien l-adozzjoni f'Ġunju 2009 tat-tieni rapport ta' spezzjoni li jiffoka fuq żewġ kwistjonijiet: id-dritt ta' informazzjoni għal min qed ifittex ażil u l-metodi għall-valutazzjoni tal-età ta' persuni ta' età żgħira li qed ifittxu ażil.

Il-KEPD kompla l-kooperazzjoni mill-qrib mal-awtoritajiet għall-protezzjoni tad-dejta f'dak li kien "it-tielet pilastru"– il-qasam tal-**kooperazzjoni bejn il-pulizija u l-ġudikatura** – u mal-Grupp ta' Ħidma dwar il-Pulizija u l-Ġustizzja. Fl-2009, din il-kooperazzjoni inkludiet il-kontribuzzjoni għad-dibattitu dwar il-programm ta' Stokkolma u l-evalwazzjoni tal-impatt tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill dwar il-protezzjoni tad-dejta.

Il-kooperazzjoni f'**fora internazzjonali** oħra kompliet tiġbed l-attenzjoni, speċjalment il-31 Konferenza Internazzjonali tal-Kummissarji għall-Protezzjoni tad-Dejta u l-Privatezza f'Madrid, li wasslet għal sett ta' standards globali għall-protezzjoni tad-dejta.

Il-KEPD organizza wkoll workshop dwar "Nirrispondu għall-ksur tas-sikurezza" (Responding to security breaches) fil-kuntest tal-"Inizjattiva ta' Londra" mnedija fit-28 Konferenza Internazzjonali f'Novembru 2006 biex titqajjem sensibilizzazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta u biex din issir iktar effettiva.

# GĦANIJIET EWLENIN GĦALL-2010

L-għanijiet ewlenin li ġejjin intgħażlu għall-2010:

- Appoġġ għan-netwerk DPO

Il-KEPD ser ikompli jagħti appoġġ qawwi lill-uffiċjali għall-protezzjoni tad-dejta, b'mod partikolari f'aġenziji stabbiliti reċentement, u jħeġġeġ l-iskambju tal-għarfien espert u tal-aqwa prattiki, inkluż l-adozzjoni possibbli ta' standards professjonali, biex tissaħħaħ l-effikaċja tagħhom.

- Ir-rwol tal-kontrolli minn qabel

Il-KEPD ser ipoġġi enfasi iktar qawwija fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet f'opinjonijiet ta' kontroll minn qabel u jiżgura segwitu adegwat. Il-kontroll minn qabel ta' operazzjonijiet ta' pproċessar li huwa komuni għall-biċċa l-kbira tal-aġenziji ser ikompli jingħata attenzjoni speċjali.

- Gwida orizzontali

Il-KEPD se jkompli jiżviluppa gwidi dwar kwistjonijiet rilevanti u jagħmilhom disponibbli b'mod ġenerali. Se jiġu ppubblikati linji gwida dwar is-sorveljanza bil-vidjow, inkjesti amministrattivi u proċeduri dixxiplinarji, u regoli implimentattivi li jikkonċernaw il-kompiti u d-dmirijiet tal-uffiċjali għall-protezzjoni tad-dejta.

- Politika ta' spezzjoni

Il-KEPD se jippubblika politika komprensiva dwar il-monitoraġġ tal-konformità u l-infurzar tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta f'istituzzjonijiet u korpi. Dan se jinvolvi l-mezzi xierqa kollha ta' kejl u se jassigura l-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u jinkoraġġixxi responsabilità istituzzjonali għall-ġestjoni tajba tad-dejta.

- Skop tal-konsultazzjoni

Il-KEPD ser ikompli joħroġ opinjonijiet jew kummenti fil-ħin dwar proposti għal-leġiżlazzjoni l-ġdida u se jibqa' jiżgura segwitu adegwat, fl-oqsma kollha rilevanti. Ser tingħata attenzjoni speċjali lill-pjan ta' Azzjoni għall-implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma.

- Reviżjoni tal-qafas legali

Il-KEPD se jagħti prijorità għall-iżvilupp ta' qafas legali komprensiv għall-protezzjoni tad-dejta, li jkopri l-oqsma kollha tal-politika tal-UE u se jiżgura protezzjoni effettiva fil-prattika, u jikkontribwixxi għad-dibattitu pubbliku fejn meħtieġ u xieraq.

- Aġenda Diġitali

Il-KEPD se jagħti attenzjoni speċjali lill-Aġenda Diġitali tal-Kummissjoni fl-oqsma kollha b'impatt ovvju fuq il-protezzjoni tad-dejta. Il-prinċipju tal-"Privatezza bit-Tfassil" u l-implimentazzjoni prattika tiegħu ser jiġu appoġġjati bis-sħiħ.

- Attivitajiet ta' informazzjoni

Il-KEPD ser ikompli jtejjeb l-għodod tal-informazzjoni onlajn tiegħu (sit elettroniku u ġurnal elettroniku) biex jirrispondi aħjar għad-domandi tal-viżitaturi. Se jiġu żviluppati pubblikazzjonijiet ġodda ("skedi ta' fatti") fuq kwistjonijiet tematiċi.

- Organizzazzjoni interna

Il-KEPD se jirrevedi l-istruttura organizzattiva tas-Segretarjat tiegħu biex jiżgura eżekuzzjoni iktar effettiva u effiċjenti tar-rwoli u l-kompiti differenti. Il-linji ewlenin tal-istruttura l-ġdida se jiġu ppubblikati fuq is-sit elettroniku.

- Ġestjoni tar-riżorsi

Il-KEPD ser ikompli jiżviluppa attivitajiet marbuta mar-riżorsi finanzjarji u umani, u ser itejjeb proċessi interni oħrajn tax-xogħol. Se jagħti attenzjoni speċjali għall-ħtieġa għal spazju addizzjonali għall-uffiċċji u għall-iżvilupp ta' sistema ta' ġestjoni tal-każijiet.

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

**Rapport Annwali 2009 – Sommarju Eżekuttiv**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2010 — 12 pp. — 21 x 29,7 cm

ISBN 978-92-95073-69-2
doi:10.2804/18212

## KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE

**Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (http://bookshop.europa.eu);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link http://ec.europa.eu jew billi tibgħat fax f'dan in-numru: +352 2929-42758

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas**

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (http://bookshop.europa.eu);

**Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u Ir-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea (http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm).

QT-AB-10-001-MT-N

Kontrollur Ewropew
għall-Protezzjoni tad-Data

*Il-kontrollur Ewropew*
*għall-protezzjoni tad-dejta personali*

**www.edps.europa.eu**

L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-95073-69-2